MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1017/2001/1

**AX (Construction) Limited**

**-vs-**

**Joseph Satariano u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2003 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' Roger Satariano & Son Limited**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-5 ta' Ġunju 2001 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

1. Premess illi l-konvenut Joseph Satariano nkariga lis-soċjeta' attriċi tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni u fornitura ta' materjali fi blokk bini fi Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar, u dan a tenur tal-kuntratt li kopja tiegħu esebita Dok A;

2. Premess illi fadal bilanċ dovut lis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' ħamest elef, tlett mija u sitta u sebgħin lira Maltin wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm5,376.41) għar-raġunijiet premessi;

3. Premess illi l-konvenut arbitrarjament u mingħajr ġustifikazzjoni applika ċerti tpaċijiet (*set-offs*), meta fil-fatt l-ammont li tpaċa ma kienx dovut mis-soċjeta' attriċi u għalhekk il-konvenut arrikka ruħu inġustifikatament;

4. Premess għalhekk illi l-ammont ta' ħamest elef tlett mija u sitta u sebgħin lira Maltin wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm5,376.41) huwa dovut a tenur tal-kuntratt tal-partijiet u għaliex il-konvenut arrikka ruħu indebitament;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' ħamest elef tlett mija u sitta u sebgħin lira Maltin wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm5,376.41) għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax mill-iskadenza tal-pagament u bir-riserva ta' kull dritt jew azzjoni fil-Liġi.

Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ippreżentata fit-8 ta' Ottubru 2001, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament l-eċċipjent m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-27 ta' Ottubru 2003 li permezz tiegħu giet imsejħa fil-kawża s-soċjeta' Roger Satariano and Son Limited u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess soċjeta' li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi in kwantu għall-arrikkament indebitu ma tistax tirnexxi *stante* illi ma jeżistix il-kważi-kuntratt ta' *indebiti solutio* u ma jeżistux dawk ir-rekwiżiti ta' l-*actio de in rem verso.*

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikoli 1027 u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-ebda ammont m'hu dovut mis-soċjeta' konvenuta u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru 2005 li permezz tagħha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-soċjeta msejħa fil-kawża u dik tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju 2006 li permezz tagħha dik is-sentenza ġiet ikkonfermata;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mill-verbali tas-seduti li saru, is-soċjeta' attriċi naqset għal kollox milli tressaq provi *nonostante* l-fatt li l-Qorti tatha diversi opportunitajiet biex tagħmel dan.

Huwa prinċipju ewlieni tal-liġi proċedurali tagħna li min irid jipprova xi ħaġa għandu l-piż li jressaq il-prova hu u mhux min jiċħad – ***onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*** – kif qalu diversi drabi dawn il-Qrati – ara per eżempju s-sentenzi **"Lenicker vs Camilleri"** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 1972 u **"Aquilina vs Vella"** mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-2 ta' Mejju 1995. Għalhekk fuq din il-bażi biss il-Qorti għandha tiċħad it-talba attriċi għaliex l-unika prova tas-soċjeta' attriċi fir-rigward hija parti mid-depożizzjoni ta' Angelo Xuereb, direttur tas-soċjeta attriċi, li meta kien qed jixhed l-iktar dwar il-preskrizzjoni, qal li meta kellem lill-konvenut dwar il-kont dan ta' l-aħħar kien se jnaqqas xi ammonti minħabba allegata tpaċija li skond l-istess Xuereb ma kinitx teżisti. Ċertament mhux biżżejjed biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi, speċjalment in vista tal-fatt li l-konvenut qal li kien bagħat ċekk lill-istess soċjeta' attriċi *in full and final settlement* u li dan iċ-ċekk jidher li ssarraf.

Hemm ukoll pero' konstatazzjoni legali. Jidher miċ-ċitazzjoni u anke mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell illi l-azzjoni intentata mis-soċjeta' attriċi hija dik hekk imsejħa *de in rem verso* u ċioe' azzjoni imsejħa rimedju sussidjarju estiż għall-każijiet meta tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħaddiehor u ssib il-fondament tagħha fil-prinċipju *jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem*. ("Giuseppe Calleja vs Walter Zammit Tabona" - Appell Kummerċjali – 5 ta' April 1957). *"Hi azzjoni li tista tirnexxi biss meta mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu"*(**"Rocco Bugeja vs George Micallef"** –
Qorti Kummerċjali – 16 ta' Marzu 1950).

L-elementi għas-suċċess tagħha kif ġie riassunt fil-kawża **"Doris Ellul vs Francis Camilleri"** (Prim' Awla – 3 ta' Ottubru 2003) huma dawn it-tlieta;

a. Li l-ħaġa li tkun ġiet versata jew li tkun għaddiet fil-patrimonju ta' ħaddieħor tirriżulta ta' vantaġġ u utilita' tiegħu,

b. Li dak il-passaġġ tal-ħaġa jkun sar b'titolu lukrattiv u

c. Li min irceviha jkun sar iktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu.

Dawn ir-rekwisiti ġew ukoll elenkati f'sentenzi oħra bħal per eżempju **"Parnis vs Vella nomine"**, Prim' Awla 30 ta' Novembru 1955, u **"Zammit vs Balzan"**, Prim' Awla 8 ta' Lulju 2004.

Il-mod kif din l-azzjoni żviluppat hu ferm interessanti mill-*punto di vista* akkademiku u jidher li l-Qrati, kemm tagħna u kemm dawk ta' pajjiżi oħra fejn il-Kodiċi Napoleoniku kien *in vigore*, bdew jirrealiżżaw illi dan il-Kodiċi ma kienx jippovdi rimedju fejn ikun irriżulta arrikkiment ta' xi ħadd a skapitu ta' ħaddiehor u **dan ma jkunx irrizulta la minn relazzjoni kuntrattwali u lanqas delittwali**. Allura żviluppaw din l-azzjoni a bażi tan-nozzjoni tal-ġestjoni ta' proprjeta' ta' ħaddieħor iżda b'mod iktar estiż minn dak kontemplat mill-Kodiċi fejn jitkellem dwar il-kunċett tal-kważi kuntratt.

Fil-każ in eżami, jirriżulta ċar li bejn il-partijet ossija bejn is-soċjeta' attriċi u dik imsejħa fil-kawża kien hemm kuntratt ta' xogħol. Għalhekk is-soċjeta' attriċi kellha kull mezz biex tipproċedi għal dak li ħasset li kien dovut lilha a bażi ta' din ir-relazzjoni kuntrattwali u ma tistax minħabba li bl-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tagħha stess ma tistax tagħmel dan b'suċċess, tirrikorri għall-azzjoni *de in rem verso*.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet li għadhom ma ġewx deċiżi tal-konvenut u tas-soċjeta' imsejħa fil-kawża, u tichad it-talba attriċi; l-ispejjeż ħlief għal dawk ġia' deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell huma a kariku tas-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------